# A – Attività tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fl-2011

*Mill-President Sean Van Raepenbusch*

**1.** Matul is-sena 2011, tliet Membri li t-terminu tagħhom wasal fi tmiemu ġew issostitwiti. Din hija l-ewwel bidla sostanzjali fil-kompożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mill-ħolqien tiegħu [1].

**2.** L-istatistika ġudizzjarja tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku turi, fir-rigward tal-2011, żieda sostanzjali ġdida fin-numru ta' kawżi mressqa (159) meta mqabbel mas-sena preċedenti (139), li diġà kienet ikkaratterizzata minn żieda kbira ta' rikorsi (111 fl-2008 u 113 fl-2009).

In-numru ta' kawżi magħluqa (166) huwa, minn naħa tiegħu, ferm ikbar minn dak tas-sena l-oħra (129) u jikkostitwixxi l-aħjar riżultat kwantitattiv tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mill-ħolqien tiegħu [2].

Għaldaqstant, in-numru ta' kawżi pendenti naqas bi ftit meta mqabbel mas-sena l-oħra (178 fil-31 ta' Diċembru 2011 kontra 185 fil-31 ta' Diċembru 2010). Wieħed jinnota wkoll li t-tul medju tal-proċeduri wkoll naqas b'mod sostanzjali (14.2-il xhar fl-2011 kontra 18.1-il xhar fl-2010) [3] minħabba ż-żieda fin-numru ta' kawżi magħluqa, b'mod partikolari permezz ta' digrieti (90 fl-2011 kontra 40 fl-2010).

Matul is-sena 2011, ġew ippreżentati 44 appell mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Matul l-istess perijodu, 23 appell mid-deċiżjonijiet tiegħu ġew miċħuda u 7 mid-deċiżjonijiet tiegħu ġew totalment jew parzjalment annullati, 4 kawżi li kienu s-suġġett ta' annullament ġew, barra minn hekk, irrinvijati lura lilu.

Tmien kawżi ngħalqu permezz ta' ftehim bonarju, li jikkorrispondi għal tnaqqis meta mqabbel mas-sena l-oħra (12) u ritorn għal-livell tas-snin 2007 u 2008 (7).

**3.** Fl-espożizzjoni li ġejja ser jiġu indikati l-iktar sentenzi sinjifikattivi tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Peress li ma kien hemm ebda żvilupp importanti fir-rigward tal-proċeduri għal miżuri provviżorji[4] u tal-għajnuna legali, it-taqsimiet iddedikati għal dawn is-suġġetti ma humiex ser jidhru fir-rapport ta' din is-sena.

[1] Kien ġie ssostitwit imħallef fl-2009 wara l-ħatra tiegħu mal-Qorti tal-Prim'Istanza.

[2] Wara s-sentenza tal-24 ta' Novembru 2010, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-40/10, it-Tribunal għas-Servizz Pibbliku seta' jagħlaq b'digriet 15-il kawża, imressqa kontra stqarrijiet ta' remunerazzjoni wara l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009, tat-23 ta' Diċembru 2009, li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom.

[3] Tul ta' sospensjoni eventwali mhux inkluż.

[4] Din is-sena ġew adottati seba' digrieti għal miżuri provviżorji mill-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Tlieta minnhom ħadu l-forma ta' digrieti għal tħassir jew għal ma hemmx lok li tittieħed deċiżjoni

# I. Kwistjonijiet proċedurali

## *Ġurisdizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku*

Fis-sentenza tal-20 ta' Jannar 2011, *Strack vs Il-Kummissjoni* (F-121/07, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li huwa kellu ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedi fuq rikors għal annullament, ippreżentat abbażi tal-Artikolu 236, KE kontra rifjut ta' istituzzjoni tal-Unjoni li tilqa' talba għal aċċess għal dokumenti mressqa minn uffiċjal skont ir-Regolament Nru 1049/2001 [5], meta din it-talba toriġina mir-relazzjonijiet ta' impjieg li jorbtuh mal-istituzzjoni inkwistjoni.

## *Kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà*

### 1. Termini

Fin-nuqqas ta' informazzjoni fit-testi tal-BEI fuq it-termini proċedurali applikabbli għall-membri tal-persunal tiegħu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, f'diversi deċiżjonijiet, applika b'analoġija termini previsti mir-Regolamenti tal-Persunal (sentenzi tat-28 ta' Ġunju 2011, *De Nicola vs BEI*, F-49/10, u tat-28 ta' Settembru 2011, *De Nicola vs BEI*, F-13/10; digriet tat-4 ta' Frar 2011, *Arango Jaramillo et vs BEI*, F-34/10, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea).

### 2. Osservanza tal-proċedura prekontenzjuża

Fis-sentenza tat-12 ta' Mejju 2011, *Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni* (F-50/09, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-ammissibbiltà tat-talbiet għad-danni bbażati fuq diversi kapijiet ta' dannu għandha tiġi eżaminata fir-rigward ta' kull wieħed minn dawn il-kapijiet ta' dannu. Għaldaqstant, sabiex talbiet relatati ma' kap ta' dannu jkunu ammissibbli, huwa neċessarju li dan il-kap ta' dannu jkun ġie invokat fit-talba għad-danni indirizzata lill-amministrazzjoni, imbagħad li ċ-ċaħda ta' din it-talba kienet is-suġġett ta' lment.

### 3. Operazzjoni kumplessa li s-sors tagħha jinsab f'kuntratt

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) kien ippropona lil xi membri tal-persunal kuntratt għal żmien indeterminat li kien jinkludi klawżola ta' xoljiment applikabbli fil-każ li l-persuni kkonċernati ma jkunux imniżżla fuq lista ta' riżerva stabbilita wara kompetizzjoni ġenerali. Fis-sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, *Bennett et vs UASI* (F-102/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li dan il-proċess kien simili għal operazzjoni kumplessa li tinvolvi ċertu numru ta' deċiżjonijiet strettament marbuta li jestendu mill-inklużjoni ta' klawżola ta' xoljiment fil-kuntratti sal-adozzjoni, wara l-istabbiliment ta' lista ta' riżerva, ta' deċiżjonijiet ta' xoljiment. Għaldaqstant, huwa qies li kien ammissibbli li tiġi invokata, permezz ta' eċċezzjoni, l-illegalità tal-klawżola kkontestata insostenn ta' talbiet intiżi għall-annullament ta' deċiżjonijiet li jxolju kuntratti fil-kuntest ta' din l-operazzjoni.

[5] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 3, p. 331).

## *Proċedura ġudizzjarja*

### 1. Dokumenti kunfidenzjali

Fis-sentenza tiegħu *Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku stabbilixxa r-regola li tgħid li huma biss kunsiderazzjonijiet imperattivi, ibbażati b'mod partikolari fuq il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, li jistgħu jiġġustifikaw li dokument ikklassifikat, b'mod eċċezzjonali, jiddaħħal fil-fajl u jiġi kkomunikat lill-partijiet kollha mingħajr kunsens tal-amministrazzjoni. Fin-nuqqas ta' tali ċirkustanzi, u fid-dawl tal-Artikolu 44(1) tar-Regoli tal-Proċedura tiegħu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku talab lill-amministrazzjoni tħejji sunt mhux kunfidenzjali ta' dan id-dokument. Madankollu, billi kkonstata li dan is-sunt ma kienx jippermetti lir-rikorrent jinvoka d-drittijiet tiegħu għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u li kien eskluż li jingħata l-aċċess għal dan id-dokument anki jekk lill-avukat tiegħu biss fil-bini tar-Reġistru, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku dderoga mid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq sabiex jibbaża ruħu fuq is-siltiet rilevanti tal-att inkwistjoni, sabiex ikun jista' jiddeċiedi b'għarfien sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet kollha involuti, u dan anki jekk dan il-fatt ma kienx ġie kkomunikat lill-persuna kkonċernata.

### 2. Intervent

F'żewġ digrieti tad-19 ta' Lulju 2011, *Bömcke vs BEI* (F-105/10 u F-127/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qabbel il-Kulleġġ tar-Rappreżentanti tal-Persunal tal-BEI mal-kumitati tal-persunal fl-istituzzjonijiet suġġetti għar-Regolamenti tal-Persunal u fakkar li dawn tal-aħħar għandhom in-natura ta' korpi interni għall-istituzzjoni tagħhom u għalhekk ma għandhomx il-kapaċità li jaġixxu fi proċeduri ġudizzjarji. Għaldaqstant, huwa ċaħad bħala inammissibbli talba għal intervent li dan il-kulleġġ kien ressaq.

Fid-digriet tiegħu *Bömcke vs BEI* (F-105/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeduċa mill-ġurisprudenza li tgħid li, fil-każijiet elettorali relatati mal-korpi ta' rappreżentanza tal-persunal kull membru tal-persunal jislet mill-kapaċità ta' elettur tiegħu interess suffiċjenti sabiex jippreżenta rikors intiż sabiex jiġi mistħarreġ jekk ir-rappreżentanti tal-persunal jiġux eletti abbażi ta' sistema elettorali konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal, li l-membri tal-persunal jisiltu wkoll mill-kapaċità ta' elettur tagħhom interess dirett u attwali għas-soluzzjoni ta' kwistjoni li tikkonċerna r-riżenja *ex officio* ta' rappreżentant diġà elett mill-persunal. Sussegwentement, it-talba għal intervent tagħhom ġiet ikkunsidrata ammissibbli.

### 3. Spejjeż

Meta istituzzjoni, korp jew aġenzija tal-Unjoni tuża avukat, tqum il-kwistjoni dwar jekk u taħt liema kundizzjonijiet l-onorarji mħallsa lilu jikkostitwixxu "spejjeż li jistgħu jinġabru" skont l-Artikolu 91(b) tar-Regoli tal-Proċedura.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku osserva, fid-digriet tiegħu tas-27 ta' Settembru 2011, *De Nicola vs BEI* (F-55/08 DEP), li l-fatt li jiġi sistematikament irrifjutat li dawn l-onorarji jitqiesu li huma spejjeż indispensabbli, u għaldaqstant li jistgħu jinġabru, għar-raġuni li l-amministrazzjoni ma hijiex obbligata li tiġi assista minn avukat, imur kontra prerogattiva inerenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża. Madankollu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku osserva wkoll li l-membri tal-persunal tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jaċċedu għall-ġustizzja taħt l-istess kundizzjonijiet, u li l-grad ta' effettività tad-dritt għal rikors tagħhom ma jistax ivarja abbażi ta' għażliet sempliċement finanzjarji jew organizzattivi tal-persuna li timpjegahom. Huwa ddeċieda wkoll li hija l-istituzzjoni li trid tiġbor lura l-onorarji mħallsa lill-avukat tagħha li għandha tipprova,

abbażi ta' ġustifikazzjonijiet oġġettivi li dawn l-onorarji kkostitwixxew "spejjeż indispensabbli" għall-finijiet tal-proċedura. Dan billi b'mod partikolari tiġi stabbilita l-eżistenza ta' raġunijiet ċikliċi u temporanji, marbutin b'mod partikolari ma' żieda speċifika ta' xogħol jew ta' assenzi imprevisti tal-persunal tas-servizz legali tagħha, jew billi jiġi stabbilit li, quddiem rikorrent li ppreżenta rikorsi sinjifikattivi fir-rigward tal-volum u/jew tan-numru, hija sabet ruħha fl-obbligu, kieku ma kinitx użat avukat, li tiddedika għall-istudju tal-imsemmija rikorsi r-riżorsi tas-servizzi tagħha b'mod sproporzjonat.

Fl-aħħar nett, it-Tribunal għas-Servizz Pubblika jippreċiża li n-numru totali ta' sigħat ta' xogħol li jista' jidher bħala oġġettivament indispensabbli għandu jiġi evalwat, fil-prinċipju, għal terz tas-sigħat li kieku kienu neċessarji għal dan l-avukat fil-każ li huwa ma setax jibbaża ruħu fuq ix-xogħol preċedentement imwettaq mis-servizz legali tal-istituzzjoni

## 4. Reviżjoni

Għall-ewwel darba din is-sena, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta deċiżjoni fuq talbiet għal reviżjoni mressqa abbażi tal-Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura.

F'waħda mill-kawżi inkwistjoni, is-sentenza li fir-rigward tagħha kienet qed tintalab ir-reviżjoni kienet is-suġġett ta' annullament parzjali wara appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrent madankollu talab ir-reviżjoni tas-sentenza kollha mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li t-talbiet għal reviżjoni kienu inammissibbli fir-rigward tal-parti tagħhom li fir-rigward tagħha s-sentenza mogħtija mill-qorti tal-appell kienet issostitwixxiet is-sentenza tal-ewwel istanza. Barra minn hekk, peress li l-persuna li kienet qed titlob ir-reviżjoni ma kkontestatx is-sentenza mogħtija fl-appell, it-talba tagħha ma tatx lok għal rinviju tal-kawża lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 8(2) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja (sentenza tal-15 ta' Ġunju 2011, *de Brito Sequeira Carvalho vs Il-Kummissjoni*, F-17/05 REV).

Barra minn hekk, f'diversi sentenzi tal-20 ta' Settembru 2011 (*De Buggenoms et vs Il-Kummissjoni*, F-45/06 REV, *Fouwels et vs Il-Kummissjoni*, F-8/05 REV u F-10/05 REV, kif ukoll *Saintraint vs Il-Kummissjoni*, F-103/06 REV), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li digriet li jħassar kawża mir-reġistru skont l-Artikolu 74 tar-Regoli tal-Proċedura sempliċement jieħu att tar-rieda tar-rikorrent li jirrinunzja għall-istanza u tan-nuqqas ta' osservazzjoni tal-konvenut, b'mod li fin-nuqqas ta' teħid ta' pożizzjoni tal-qorti tal-Unjoni fir-rigward tal-kwistjonijiet imqajma mill-kawża, ma hemmx, f'dan il-każ, deċiżjoni li tista' tkun is-suġġett ta' reviżjoni skont l-Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura.

Barra minn hekk, huwa u jibbaża ruħu fuq il-fatt li l-avukat li jirrappreżenta parti ma għandux, fil-prinċipju, jipproduċi prokura, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li huwa ma jistax, permezz ta' proċeduri għal reviżjoni, jiddeċiedi li rinunzja ma hijiex valida fir-rigward ta' ċerti rikorrenti minħabba l-fatt li l-konsulent tagħhom ikun aġixxa mingħajr il-kunsens tagħhom.

# II. Fuq il-mertu

*Prinċipji ġenerali*

## 1. Invokabbiltà tad-direttivi

Huwa u jibbaża ruħu fuq il-linji ta' ġurisprudenza preċedenti li tirrendi sa ċertu punt applikabbli lill-istituzzjonijiet id-direttivi li huma jadottaw fir-rigward tal-Istati Membri, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fis-sentenza tiegħu tal-15 ta' Marzu 2011, *Strack vs Il-Kummissjoni* (T-120/07, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), osserva li d-Direttiva 2003/88 [6] hija intiża li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, b'mod li, skont l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal, hija l-Kummissjoni li għandha tiggarantixxi l-osservanza tagħhom fl-applikazzjoni u fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal li jirrigwardaw, b'mod partikolari, il-leave annwali.

## 2. Dritt tad-difiża

Billi qies li l-fatt li l-amministrazzjoni hija obbligata tisma' lil kull membru tal-persunal ikkonċernat qabel ma tadotta kull att li jikkawża preġudizzju jikkostitwixxi piż irraġonevoli, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fil-sentenza tiegħu tat-28 ta' Settembru 2011, *AZ vs Il-Kummissjoni* (F-26/10), li l-motiv ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża jista' jiġi validament invokat biss sa fejn, minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata tiġi adottata wara proċedura mibdija kontra persuna u, min-naħa l-oħra, il-gravità tal-konsegwenzi li din id-deċiżjoni jista' jkollha fuq is-sitwazzjoni ta' din il-persuna tkun seħħet. Peress li ma nbditx proċedura ta' promozzjoni fil-konfront ta' uffiċjal, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għaldaqstant ikkonkluda li l-amministrazzjoni ma kinitx obbligata tisma' lil uffiċjal qabel ma teskludih minn proċedura ta' promozzjoni.

## 3. Diskriminazzjoni

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-15 ta' Frar 2011, *Barbin vs Il-Parlament* (F-68/09, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, għall-ewwel darba, applika l-mekkaniżmu tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova, previst fl-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, li jgħidu li meta persuna li tqis li hija leża minħabba n-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' trattament ugwali tistabbilixxi fatti li jippermettu l-preżunzjoni tal-eżistenza ta' diskriminazzjoni kontriha, hija l-istituzzjoni li għandha tipprova li ma kienx hemm ksur ta' dan il-prinċipju.

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, sabiex tiġi evalwata l-fondatezza ta' motiv ibbażat fuq l-eżistenza ta' diskriminazzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest fattwali rilevanti kollu, inklużi l-evalwazzjonijiet li saru f'deċiżjonijiet preċedenti li saru definittivi. Skont it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, il-prinċipju li deċiżjoni definittiva ma tistax tiġi eżaminata mill-ġdid mill-qorti ma jċaħħadx lil din tal-aħħar mill-possibbiltà li tqis tali deċiżjoni bħala indizju li jista', fost oħrajn, jiġi stabbilit aġir diskriminatorju tal-amministrazzjoni, peress li huwa possibbli li diskriminazzjoni tirriżulta biss wara l-iskadenza tat-termini ta' appell minn deċiżjoni li tikkostitwixxi manifestazzjoni tagħha.

[6] Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4. p. 381).

Barra minn hekk, dejjem fis-sentenza *Barbin vs Il-Parlament*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, meta uffiċjal jeżerċita dritt irrikonoxxut lilu mir-Regolamenti tal-Persunal, bħad-dritt għal-leave parentali, l-amministrazzjoni ma tistax, mingħajr ma tikkontesta l-effettività ta' dan id-dritt, tqis li s-sitwazzjoni ta' dan l-uffiċjal hija differenti minn dik ta' uffiċjal li ma jkunx eżerċita dan id-dritt. Għaldaqstant, hija ma tistax, minħabba dan il-fatt, tapplika fir-rigward tiegħu trattament differenti, sakemm din id-differenza fit-trattament ma tkunx, minn naħa, oġġettivament iġġustifikata, b'mod partikolari billi sempliċment tislet il-konsegwenzi, matul il-perijodu kkunsidrat, minn nuqqas ta' provvista ta' xogħol tal-membru tal-persunal ikkonċernat u, min-naħa l-oħra, strettament proporzjonata għall-ġustifikazzjoni mogħtija.

Barra minn hekk, f'sentenza tas-27 ta' Settembru 2011, *Whitehead vs BĊE* (F-98/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li persuna li tkun bil-leave tal-mard ma tinsabx fl-istess sitwazzjoni bħal persuna attiva, b'mod li ebda prinċipju ġenerali ma jobbliga lill-awtorità tinnewtralizza l-perijodu li matulu hija kienet bil-leave tal-mard sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' din il-persuna għall-missjonijiet tal-amministrazzjoni tagħha bil-għan li jingħata bonus, il-fatt li hija kellha għad-dispożizzjoni tagħha inqas żmien sabiex tikkontribbwixxi għax-xogħlijiet tal-ammistrazzjoni tagħha.

Fl-aħħar nett, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tad-29 ta' Ġunju 2011, *Angioi et vs Il-Kummissjoni* (F-7/07), li amministrazzjoni li titqiegħed f'sitwazzjoni li tagħżel bejn żewġ soluzzjonijiet, fejn it-tnejn joħolqu differenza fit-trattament bejn żewġ gruppi ta' persuni, tista' tagħżel is-soluzzjoni li timplika l-inqas differenza fit-trattament

## 4. Żball manifest ta' evalwazzjoni

Fis-sentenzi tiegħu tal-24 ta' Marzu 2011, *Canga Fano vs Il-Kunsill* (F-104/09, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), u tad-29 ta' Settembru 2011, *AJ vs Il-Kummissjoni* (F-80/10), mogħtija fil-qasam tal-promozzjoni, kif ukoll tad-29 ta' Settembru 2011, *Kimman vs Il-Kummissjoni* (F-74/10), dwar rapport ta' evalwazzjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li żball ta' evalwazzjoni jista' jiġi kklassifikat bħala manifest biss meta jista' jiġi identifikat b'mod ċar fid-dawl tal-kriterji li għalihom il-leġiżlatur ried jissuġġetta l-eżerċizzju tas-setgħa deċiżjonali tal-amministrazzjoni.

Barra minn hekk, fis-sentenzi tiegħu *Kimman vs Il-Kummissjoni u AJ vs Il-Kummissjoni*, iċċitati iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li sabiex jiġi stabbilit li l-amministrazzjoni wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti li huwa tali li jiġġustifika l-annullament ta' deċiżjoni ta' promozzjoni jew ta' rapport ta' evalwazzjoni, il-provi, li r-rikorrent għandu jipproduċi, għandhom ikunu biżżejjed biex jirrendu mhux kredibbli l-evalwazzjonijiet magħmula mill-amministrazzjoni. Għaldaqstant il-motiv ibbażat fuq żball manifest għandu jiġi miċħud jekk, minkejja l-elementi prodotti mir-rikorrent, l-evalwazzjoni kkontestata tkun tista' tiġi ammessa bħala vera jew valida.

Fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2011, *AC vs Il-Kunsill* (F-9/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, sabiex jinżamm l-effettività tal-marġni ta' diskrezzjoni li l-leġiżlatur ried jagħti lill-Awtorità tal-Ħatra fil-qasam tal-promozzjoni, it-tribunal ma jistax jannulla deċiżjoni għas-sempliċi raġuni li huwa jqis li jinsab fil-preżenza ta' fatti li jqajmu dubji kredibbli dwar l-evalwazzjoni magħmula mill-Awtorità tal-Ħatra. Għaldaqstant f'din il-kawża huwa qies li fid-dawl tal-merti evidenti tar-rikorrent, l-Awtorità tal-Ħatra ma tkunx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni jekk tkun iddeċidiet li tinkludih fil-grupp ta' uffiċjali promossi, iżda li, madankollu, din il-konstatazzjoni ma tfissirx li d-deċiżjoni kuntrarja li ma tippromwovihx tkun ivvizzjata bi żball manifest ta' evalwazzjoni

Mill-konstatazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, meta l-istħarriġ tal-qorti jkun limitat għall-iżball manifest ta' evalwazzjoni, "id-dubju jiffavorixxi lill-amministrazzjoni".

## 5. Aspettattivi leġittimi

Fis-sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, *Mioni vs Il-Kummissjoni* (F-28/10, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li ħlas lil uffiċjali ta' benefiċċji finanzjarji mill-amministrazzjoni, anki għal diversi snin, ma jistax jitqies fih innifsu li huwa garanzija preċiża, inkundizzjonata u konkordanti, għaliex, kieku dan kien il-każ, kull deċiżjoni tal-amministrazzjoni li tirrifjuta fil-futur, u possibbilment b'effett retroattiv, il-ħlas ta' tali benefiċċji mħallsa indebitament lil persuna kkonċernata tikser sistematikament il-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi u ttellef, sostanzjalment, l-effettività tal-Artikolu 85 tar-Regolament tal-Persunal dwar l-irkupru tal-ħlas mhux dovut.

## 6. Dmir ta' premura

Permezz tas-sentenzi tiegħu tas-17 ta' Frar 2011, *Strack vs Il-Kummissjoni* (F-119/07), u tal-15 ta' Settembru 2011, *Esders vs Il-Kummissjoni* (F-62/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-obbligi tal-amministrazzjoni li jirriżultaw mid-dmir ta' premura huma sostanzjalment imsaħħa fil-każ ta' sitwazzjoni ta' uffiċjali li fil-każ tiegħu jirriżulta li s-saħħa fiżika jew mentali tiegħu hija affettwata. F'tali każ, l-amministrazzjoni għandha teżamina t-talbiet tiegħu b'atteġġjament partikolarment miftuħ.

## *Karriera tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal*

## 1. Kompetizzjonijiet

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza *Angioi vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, meta l-ħtiġijiet tas-servizz jew dawk tal-pożizzjoni hekk jirrikjedu, l-amministrazzjoni tista' b'mod leġittimu tispeċifika matul proċedura ta' reklutaġġ il-lingwa jew il-lingwi li fir-rigward tagħhom għarfien approfondit jew sodisfaċenti huwa meħtieġ. Fil-fatt, għalkemm tali kundizzjoni tikkostitwixxi *a priori* diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa li fil-prinċipju hija pprojbita, hija tista' tkun oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata minn għan leġittimu ta' interess ġenerali fil-kuntest tal-politika tal-persunal. Issa, in-neċessità li jiġi żgurat li l-persunal għandu għarfien lingwistiku fir-rigward tal-lingwi ta' komunikazzjoni interna tal-istituzzjoni kkonċernata tikkostitwixxi tali għan. Barra minn hekk, hemm rabta raġonevoli ta' proporzjonalità bejn dan ir-rekwiżit u l-għan imfittex, peress li ma huwiex meħtieġ għarfien ta' iktar minn lingwa waħda ta' komunikazzjoni interna.

## 2. Avviż ta' pożizzjoni vakanti

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2011, *AS vs Il-Kummissjoni* (F-55/10, li minnha sar appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li d-dispożizzjonijiet tranżitorji tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jissuġġettaw lil ċerti uffiċjali, li kienu jifformaw parti mill-kategoriji preċedenti C u D, għal-limitazzjonijiet fil-karriera tagħhom, ma jawtorizzawx lill-Kummissjoni tirriżervalhom ċerti pożizzjonijiet fuq din il-bażi biss u, għaldaqstant, li tipprojbixxi l-aċċess għal uffiċjali oħra li għandhom l-istess grad bħalhom. Fil-fatt, iż-żamma mill-Kummissjoni ta' distinzjoni fil-prinċipju bejn uffiċjali li għandhom l-istess grad u li jifformaw parti mill-istess grupp ta' funzjonijiet, għall-aċċess għal ċerti pożizzjonijiet, ma huwiex kompatibbli ma' wieħed mill-għanijiet tar-reviżjoni tar-Regolamenti tal-Persunal fl-2004, li jikkonsisti fl-amalgamazzjoni tal-kategoriji preċedenti B, C u D fil-grupp wieħed ta' funzjonijiet AST.

## 3. Promozzjonijiet

### a) Paragun tal-merti

Filwaqt li osserva li l-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal jimponi t-tħejjija ta' rapport ta' evalwazzjoni biss kull sentejn u li r-Regolamenti tal-Persunal ma jipprevedux li l-proċedura ta' promozzjoni għandha jkollha l-istess perjodiċità, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fis-sentenza tiegħu tal-10 ta' Novembru 2011, *Merhzaoui vs Il-Kunsill* (F-18/09), li r-Regolamenti tal-Persunal ma jeskludux li promozzjoni tista' tiġi deċiża mingħajr ma l-Awtorità tal-Ħatra jkollha rapport ta' evalwazzjoni reċenti

Barra minn hekk, fis-sentenza tiegħu *AC vs Il-Kunsill,* iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li anki jekk l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Persunal jirreferi għar-rapporti ta' evalwazzjoni, l-għarfien tal-lingwi u l-livell tar-responsabbiltajiet eżerċitati bħala t-tliet kriterji prinċipali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżami komparattiv tal-merti, dan madankollu ma jeskludix t-teħid inkunsiderazzjoni ta' elementi oħra jekk dawn jistgħu jagħtu indikazzjoni dwar il-merti tal-uffiċjali promovabbli.

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-amministrazzjoni għandha ċerta marġni ta' manuvra fir-rigward tal-importanza rispettiva li hija tagħti lil kull wieħed mit-tliet kriterji msemmija iktar 'il fuq, peress li l-Artikolu 45(1) tar-Regolamenti tal-Pesunal ma jeskludix il-possibbiltà ta' bbilanċjar bejn dawn il-kriterji, meta din hija ġġustifikata.

Fl-aħħar nett, dejjem fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-fatt li jiġu inklużi fl-evalwazzjoni tal-merti tal-uffiċjali biss il-lingwi li l-użu tagħhom, fid-dawl tal-eżiġenzi reali tas-servizz, jagħti valur miżjud suffiċjentement rilevanti tali li jirriżulta neċessarju għall-funzjonament tajjeb ta' dan tal-aħħar ma jmurx kontra l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal.

### b) Trasferiment interistituzzjonali matul il-proċedura ta' promozzjoni

Fil-kawżi li taw lok għas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2011, *Mora Carrasco et vs Il-Parlament* (F-128/10), u għad-digriet tal-5 ta' Lulju 2011, *Alar vs Il-Parlament* (F-38/11), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li meta uffiċjal jista' jiġi promoss matul is-sena li fiha huwa jiġi ttrasferit minn istituzzjoni tal-Unjoni għal oħra, l-awtorità kompetenti sabiex tiddeċiedi l-promozzjoni tiegħu hija dik tal-istituzzjoni ta' oriġini. Fil-fatt, peress li l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi li l-promozzjoni ssir "wara konsiderazzjoni tal-meriti komparabbli ta' l-uffiċjali eliġibbli għal promozzjoni", l-Awtorità tal-Ħatra tista' tqabbel biss il-merti passati tal-uffiċjali, b'mod li huwa neċessarju li jitqabblu l-merti tal-uffiċjali ttrasferiti ma' dawk tal-uffiċjali li kienu għadhom il-kollegi tagħhom matul is-sena preċedenti għat-trasferiment tagħhom, li hija evalwazzjoni li tista' validament issir biss mill-istituzzjoni ta' oriġini

## *Sistema ta' remunerazzjoni u vantaġġi soċjali tal-uffiċjal*

## 1. Leave annwali

Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tal-Anness V tar-Regolamenti tal-Persunal, id-dritt għal-leave miksub għal sena kalendarja għandu, fil-prinċipju, jintuża matul din l-istess sena. Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta wkoll li uffiċjal għandu d-dritt jittrasferixxi l-ġranet kollha tal-leave li huwa ma jkunx ħa matul sena kalendarja għas-sena kalendarja sussegwenti fil-każ li huwa ma jkunx seta' jieħu l-leave annwali tiegħu minħabba raġunijiet relatati man-neċessitajiet tas-servizz.

Filwaqt li bbaża ruħu fuq l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88 [7], li, skont l-Artikolu 1e(2) tar-Regolamenti tal-Persunal huwa applikabbli għall-istituzzjonijiet, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li raġunijiet oħra, anki jekk mhux relatati man-neċessitajiet tas-servizz, jistgħu wkoll jiġġustifikaw trasferiment tal-ġranet tal-leave kollha mhux meħuda. Huwa qies li dan japplika wkoll, b'mod partikolari, meta uffiċjal, assenti minħabba mard matul is-sena kalendarja kollha jew parti minnha, ma setax minħabba din ir-raġuni jeżerċita d-dritt tiegħu għal-leave (sentenza tal-25 ta' Mejju 2011, *Bombín Bombín vs Il-Kummissjoni*, F-22/10).

Fl-istess sens, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li uffiċjal, li l-inkapaċità ta' xogħol tiegħu kienet żammitu milli juża l-leave annwali li huwa kellu dritt għalih, ma setax jiċċaħħad, fil-mument tat-tmiem tal-funzjonijiet tiegħu, mill-possibbiltà li jibbenefika minn kumpens finanzjarju għal-leave annwali li ma ħax (sentenza tal-15 ta' Marzu 2011, *Strack vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq).

## 2. Sigurtà soċjali

Fis-sentenza tat-28 ta' Settembru 2011, *Allen vs Il-Kummissjoni* (F-23/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' eżekuzzjoni relatati mar-rimbors ta' spejjeż mediċi, ir-rikonoxximent tal-eżistenza ta' marda serja jeżiġi li jiġu sodisfatti erba' kriterji kumulattivi. Madankollu, peress li dawn id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu rabta ta' interdipendenza bejn dawn il-kriterji, l-evalwazzjoni magħmula matul l-eżami mediku fuq waħda minnhom hija tali li tinfluwenza l-evalwazzjoni tal-oħrajn. Għaldaqstant, jekk wieħed mill-kriterji jista' jirriżulta li ma ġiex sodisfatt meta eżaminat waħdu, l-eżami tiegħu, fid-dawl tal-evalwazzjoni mwettqa tal-kriterji l-oħra, tista' twassal għal konklużjoni opposta, jiġifieri li dan il-kriterju huwa sodisfatt. Għaldaqstant, l-uffiċjal mediku jew il-kunsill mediku ma jistax sempliċement jeżamina kriterju wieħed, iżda għandu jwettaq eżami konkret u ċirkostanzjat tal-istat tas-saħħa tal-persuna kkonċernata billi jieħu inkunsiderazzjoni b'mod globali l-erba' kriterji msemmija iktar 'il fuq. Tali eżami jkun iktar u iktar neċessarju meta l-proċedura prevista fil-qasam tar-rikonoxximent tal-eżistenza ta' marda serja ma tipprovdix l-istess livell ta' garanzija ta' ekwilibrju bejn il-partijiet bħall-proċeduri previsti fl-Artikoli 73 (dwar il-mard ikkaġunat mix-xogħol u l-inċidenti) u 78 (dwar l-invalidità) tar-Regolamenti tal-Persunal.

### *Drittijiet u obbligi tal-uffiċjal*

Fis-sentenza tiegħu *AS vs Il-Kummissjoni*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li l-użu ta' dokumenti koperti mis-sigriet mediku, insostenn ta' eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq in-nuqqas ta' interess ġuridiku, jikkostitwixxi ndħil ta' awtorità pubblika fid-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tar-rikorrenti u li dan l-indħil ma kien qed isegwi ebda wieħed mill-għanijiet stabbiliti b'mod limitat fl-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") sa fejn, b'mod partikolari, il-kwistjoni ma tikkonċernax il-legalità ta' deċiżjoni ta' natura medika.

Barra minn hekk, fil-kawża li tat lok għas-sentenza tal-5 ta' Lulju 2011, *V vs Il-Parlament* (F-46/09), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li t-trasferiment lil terz, inkluż dak lejn istituzzjoni oħra, ta' informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' persuna, miġbura minn istituzzjoni, jikkostitwixxi fih innifsu ndħil fil-ħajja privata tagħha, irrispettivament mill-użu sussegwenti tal-informazzjoni hekk ikkomunikata. Madankollu, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fakkar li jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet fuq id-drittijiet fundamentali, sakemm dawn jikkorrispondu effettivament għal

[7] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 6.

għanijiet ta' interess ġenerali u ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan insegwit, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippeġudika s-sustanza stess tad-dritt protett.

Filwaqt li bbilanċja l-interess tal-Parlament li jiżgura ruħu li jimpjiega persuna kapaċi li teżerċita l-funzjonijiet li jiġu fdati lilha mal-gravità tal-ksur tad-dritt tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li, għalkemm l-eżami ta' reklutaġġ iservi l-interess leġittimu tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li għandhom ikunu jistgħu jwettqu l-missjoni tagħhom, dan l-interess ma jiġġustifikax li jsir it-trasferiment ta' informazzjoni partikolarment sensittiva, bħal data medika, minn istituzzjoni għal oħra mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata.

Fl-istess sentenza, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sussegwentement iddeċieda li r-Regolament Nru 45/2001 [8] kien ġie miksur. Fil-fatt huwa qies li d-data ta' natura personali inkwistjoni kienet ġiet ipproċessata għal għanijiet differenti minn dawk li għalihom kienet inġabret, u dan mingħajr mal-bidla fl-għan ma kienet ġiet espressament awtorizzata mir-regoli interni tal-Kummissjoni jew tal-Parlament. Huwa kkonstata wkoll li ma ġiex stabbilit li t-trasferiment ta' data kien neċessarju sabiex jiġu osservati obbligi u drittijiet speċifiċi tal-Parlament fil-qasam tad-dritt għax-xogħol, għaliex dan tal-aħħar seta' jistieden lir-rikorrenti tipprovdi hija stess informazzjoni dwar il-passat mediku tagħha jew tagħmel l-eżamijiet mediċi neċessarji mid-dipartimenti tiegħu stess.

### *Kontenzjuż tal-kuntratti*

#### 1. Konklużjoni ta' tieni emenda għal kuntratt għal żmien determinat li jaqa' taħt l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg")

Fil-kawża li tat lok għas-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-13 ta' April 2011, *Scheefer vs Il-Parlament* (F-105/09), ir-rikorrenti kienet ġiet impjegata għal żmien determinat bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(a) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg. Dan l-impjieg kien ġie pprorogat permezz ta' emenda, u sussegwentement permezz ta' oħra, li kienet "annulla[t] u ssostitwixxi[et]" l-ewwel waħda sabiex ittawwal l-impjieg tal-persuna kkonċernata għal perijodu determinat ġdid. Issa, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, ir-reklutaġġ ta' membru tal-persunal temporanju abbażi tal-Artikolu 2(a) ta' dawn il-kondizzjonijiet jista' jiġġedded għal żmien determinat darba biss, u "[k]ull tiġdid ieħor ikun għal perjodu indefinit".

Qabel kollox it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda, fid-dawl tad-Direttiva 1999/70 [9] u tal-klawżoli tal-Ftehim Qafas anness magħha, li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8, imsemmi iktar 'il fuq, għandu jingħata interpretazzjoni li tiżguralu portata wiesgħa u għandu jiġi applikat b'mod strett. Fuq din il-bażi, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-kuntratt tar-rikorrenti kellu jitqies li kien iġġedded darbtejn, u dan irrispettivament mill-kliem użat fit-tieni emenda. Għaldaqstant huwa kkonkluda minn dan li din l-emenda kellha tiġi kklassifikata mill-ġdid b'mod awtomatiku bħala reklutaġġ għal żmien indeterminat unikament permezz tar-rieda tal-leġiżlatur, u li l-iskadenza tat-terminu ffissat f'din tal-aħħar ma setgħetx twassal għat-terminazzjoni tal-kuntratt tar-rikorrenti.

[8] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

[9] Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti:, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

Fl-aħħar nett, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li d-deċiżjoni "[li t]ikkonferma" li l-kuntratt jintemm mal-iskadenza tat-terminu ffissat fit-tieni emenda kienet bidlet b'mod ikkaratterizzat is-sitwazzjoni legali tal-persuna kkonċernata hekk kif kienet tirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 8 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg u kienet tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju adottat bi ksur ta' din id-dispożizzjoni.

## 2. Konklużjoni ta' kuntratt għal żmien indeterminat li jinkludi klawżola ta' tkeċċija fil-każ li l-persuna kkonċernata ma tgħaddix mill-kompetizzjoni

Fis-sentenza *Bennett et vs UASI*, iċċitata iktar 'il fuq, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li klawżola li tippermetti li jiġi xolt kuntratt jekk il-membru tal-persunal inkwistjoni ma jkunx imniżżel fuq lista ta' riżerva stabbilita fi tmiem ta' kompetizzjoni ġenerali ma kinitx tippermetti li dan il-kuntratt jiġi kklassifikat bħala kuntratt għal żmien indeterminat, għaliex it-tul ta' kuntratt – hekk kif jirriżulta mill-klawżola 3(1) tal-Ftehim-Qafas stabbilit peremezz tad-Direttiva 1999/70 – jista' jiġi stabbilit mhux biss billi "jilħaq [tiġi milħuqa] data speċifika", iżda wkoll billi "ilesti [jitlesta] xogħol speċifiku, jew it-twettiq ta' [jitwettaq] każ speċifiku", bħall-istabbiliment ta' lista ta' riżerva ta' kompetizzjoni.

## 3. Nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt

Fid-digriet tiegħu tal-15 ta' April 2011, *Daake vs UASI* (F-72/09 u F-17/10), it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ddeċieda li, għalkemm ittra li tfakkar biss l-istipulazzjonijiet ta' kuntratt relatati mad-data ta' skadenza tiegħu u li ma tinkludi ebda element ġdid fir-rigward ta' dawn l-istipulazzjonijiet ma tikkostitwixxix att li jikkawża preġudizzju, min-naħa l-oħra, id-deċiżjoni li kuntratt ma jiġix imġedded tista' tikkostitwixxi att li jikkawża preġudizzju, li huwa separat mill-kuntratt inkwistjoni u li jista' jkun is-suġġett ta' rikors. Fil-fatt, tali deċiżjoni, li tittieħed wara eżami mill-ġdid tal-interess tas-servizz u tas-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata, tinkludi element ġdid fir-rigward tal-kuntratt inizjali u ma tistax titqies li tkun sempliċement qed tikkonfermah.

### *Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-istituzzjonijiet*

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku estenda l-ġurisprudenza li abbażi tagħha hemm lok li r-responsabbiltà għal dannu tinqasam meta dan ikun ikkawżat kemm minn ħtija ta' istituzzjoni kif ukoll mill-ħtija tal-vittma fil-każ fejn il-ħtija kienet maqsuma bejn istituzzjoni u terz (sentenza *Missir Mamachi di Lusignano vs Il-Kummissjoni,* iċċitata iktar 'il fuq).